FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA TA' GUDIKATURA KRIMINALI
A.MICALLEF TRIGONA LL.D.,MAG.JUR (EU LAW)

ILLUM 15 TA' FRAR 2017

Il-Pulizija
(Spett Nicolai Sant)
Vs
Ben Muftah Walid

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat ta' nazzjonalita Libjana u detentur ta' karta ta' identita' numru 0117659A akkuzat talli:

1. Nakkuzah talli nhar it-02 ta' Frar 2017 ghall-habta ta' 03.30hrs minn gewwa rresidenza No 9, Triq is-Swieqi, Swieqi ikkometta serq ta' tlett t'icrieket tad-deheb, laptop tad-ditta Lenovo, zewg Cameras wahda tad-ditta Cannon u ohra antika u par imsielet ghad-detriment tal-familja Anastasi liema serq huwa aggravat bil- valur liema ammont jeccedi s-somma ta' elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37), vjolenza, mezz u hin;
2. U nakkuzah aktar talli nhar it-02 ta' Frar 2017 ghall habta ta' 02.00hrs u fis-sieghat ta' qabel gewwa ir-residenza bl-isem ta' 'Magnolia', Triq is-Swieqi, Swieqi ikkometta serq ta' kollezzjoni ta' xorb alkoholiku b'valur ta' €1092 u Audio Speaker (Wi-Fi) tad-ditta JBL, liema serq huwa aggravat bil-hin, valur u mezz u dan ghad-detriment ta' Jose' Busuttil;
3. U nakkuzah aktar talli nhar it-02 ta' Frar 2017 ghall-habta ta' bejn 00.15hrs u 01.00hrs minn gewwa No 73, Triq is-Swieqi, Swieqi, bil-hsieb li jaghmel delitt, wera dan il-hsieb b'atti esterni, li taw bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, billi bil-hsieb li jikkometti serq ghad-dannu ta' Paula Ayala Ibanez u Karol Nathalia Cordoba Barona u/jew persuni ohra liema tentattiv ta' Serq huwa aggravat bil-mezz, bil-hin u bil-valur u liema delitt ma sehhx minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill- volonta tieghu;
4. Kellu fil-pussess tieghu arma li taqta u bil-ponta (sikkina u mus) minghajr il-permess tal-Kummissarju tal-Pulizija;
5. Sar recidiv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta' Malta, b'diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma jistghawx jigu mibdula;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha

Semghat lill-imputat jammetti l-akkuzi fuq liema insista anka meta l-Qorti taghtu zmien jirrikonsidra;

Fuq skorta ta' din l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata ssibu u tiddikjarah hati.

Rat l-Artikoli 261(a)(b)(f), 262, 263, 264, 265, 266, 270, 279 (a)(b), 41, 49, 50, 17(b) tal-Kap 9 u Artikoli 3 u 51 tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta' Malta.

Tiddeciedi: Tikkundannah sentejn priguneria.

A.M. Trigona

Magistrat